MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 38/2004

Stella Cauchi .

vs

George Sacco .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi fil-ġurnata tat-18 ta' Ġunju, elfejn u tnejn (2002) għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (7.45 a.m) waqt li l-esponenti kienet qegħda fi triq Santu Pietru, Għarb, Għawdex, hija sfat investita mill-vettura Bus numru ta' reġistrazzjoni FBY 040 (ittri FBY numri zero erbgħa zerro) misjuqa mill-konvenut illi kienet għaddejja mill-istess triq ;

Illi per konsegwenza ta' dan l-inċident il-konvenut ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Stella Cauchi, kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

Illi effettivament għall-inċident fuq imsemmi jaħti unikament u esklussivament il-konvenut, minħabba sewqan imprudenti da parti tiegħu, minħabba li huwa naqas illi jżomm a proper look out minħabba illi huwa naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku u minkejja illi kellu viżwali tajba u ma kellux x'jostakolalu l-preżenza tal-attriċi, huwa investiha ;

Illi l-esponenti sofriet danni per konsegwenza tal-imsemmi inċident konsistenti f'danni emerġenti kif ukoll dawk lucri ċessanti ;

Illi l-esponenti trid tiġi kumpensata ta' dawn id-danni .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lucri cessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

3. tikkundannak tħallas dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju, 2003, u tal-ittra uffiċjali ta' Ottubru 2003, kif ukoll dik preżentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratriċi tiegħek .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament maħlufa minnha .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-konvenut George Sacco bl-ebda mod u manjiera ma kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni, liema inċident ġara unikament minħabba t-traskuraġni tal-pedestrian, Stella Cauchi, kif jiġi pruvat ampjament waqt is-smiegħ tal-istess kawża .

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rta id-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju 2004 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Carmel Apap Bologna bħala espert mediku sabiex, wara li jeżamina lill-attriċi, jirrelata dwar il-kundizzjoni tas-saħħa tagħha .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2004 u minnu maħlufa fit-8 ta' April 2005 .

Rat il-verbal tagħha ta'  l-24 ta' Jannar 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa  u d-dokumenti u affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attriċi in segwitu għal inċident stradali li fih il-vettura misjuqa mill-konvenut investietha waqt li din kienet qed tistenna biex tirkeb l-istess vettura, u konsegwenza ta' hekk, hija sofriet ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tagħha . L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi

[1] 44 Dig.  Del leg. Aquil . IX, 2 .

delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif tippretendi li hu l-każ preżenti l-attriċi[2] .

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward :

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa . In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico . Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara waqt li l-attriċi kienet qed tistenna sabiex tirkeb ix-xarabank li kienet ġejja minn San Lawrenz, fid-direzzjoni ta' l-Għarb, fi Triq Santu Pietru, fl-inħawi estremi ta' l-istess raħal, fit-18 ta' Gunju 2002 għal xi 7.45 a.m. Il-konvenut, li kien qed isuq karozza tal-linja matul din it-triq, hekk kif dar il-kantuniera laqat lill-attriċi, li spiċċat taħt ix-xarabank[4] . B'konsegwenza ta' dan l-attriċi weġġħet f'diversi partijiet ta' ġisimha u spiċċat b'debilita' permanenti ta' ċerta entita' [5] .

RESPONSABILITA' .

Is-surġent John Grima li nvestiga dan l-inċident kellem lill-**attriċi** l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fejn ittieħdet immedjatament għall-kura wara l-inċident . Hija ma kienitx intilfet minn sensieha u għalhekk kienet f'pożizzjoni

---

[2] art. 1033 Kap. 16 .

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33

[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva a fol. 66 - 69 tal-process, u skizz a fol. 65 .

tispjega sew x'kien ġara . L-attriċi fissritlu l-inċident bil-mod segwenti :

"*Kont fil-gabbana nistenna il-bus sabiex mmur lejn ir-Rabat . Miegħi kien hemm waħda jisimha Klara li toqgħod faċċata ta' Dr. Cutajar M.D. Rajt il-bus ġejja minn naħa ta' San Lawrenz . Kif il-bus kienet għadha fejn toqgħod Klara qsamt it-triq u mbagħad għamilt sinjal b'idejja sabiex jieqaf . Dan ma waqafx u laqatni b'quddiem . Spiċċajt ma' l-art u rajt il-karozza għaddejja minn fuqi . Naf li spiċċajt rasi lejn in-naħa tal-bini tal-avukat u saqajja lejn is-sardinell . Naf li waqt li l-bus kienet għaddejja minn fuqi ħassejt uġiegħ f'irkubtejja, l-qadd u spallejja*." [5]

Fid-depożizzjoni tagħha quddiem din il-Qorti, rrepetiet bejn wieħed u ieħor l-istess verżjoni, b'dan illi żieded illi x'ħin intlaqtet ma kienitx iżjed minn pied 'l barra mill-ħajt[6] .

Ix-xufier tax-xarabank, **il-konvenut** George Sacco *a tempo vergine* spjega lis-surġent illi :

"*Kont fuq ir-rotta San Lawrenz - Għarb tas-7.15 a.m. Kif kont ġej minn naħa ta' San Lawrenz lejn Triq Santu Pietru f'daqqa waħda nisma ħoss . Issuspettajt ħażin, waqaft u sibt mara fl-art. Mistoqsi fejn sibt il-mara ngħid li din sibtha minduda fl-art xi 2.5 metri wara il-bus . Mistoqsi minn fejn ġiet il-mara, ngħid li ma nafx peress li kont indur mal-kantuniera u tfaċċat ix-xemx ġo wiċċi*." [7]

Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti l-konvenut sostanzjalment reġa' qal l-istess affarijiet .

*Clara Sanders*, li ssemmiet mill-attriċi fl-istqarrija tagħha, spjegat lis-surġent illi :

"*Dalgħodu ltqajt ma' Stella fil-Bus Stop . Ħassejna l-bus u Stella ttawlet lejn San Lawrenz . Kienet għadha 'l bogħod bejn wieħed u ieħor quddiem tiegħi . Jien tlaqt lejn id-dar u hi qasmet . Peress li l-kelba tiegħi waqfet ixxammem jiena waqaft u nnotajt li l-bus qisha baqgħet sejra u waqfet*

[5] ara okkorrenza a fol. 67 – 68 .
[6] a fol. 24 - 27 tal-process .
[7] ara okkorrenza a fol. 67 tal-process .

*. Nara lil Stella ħierġa minn taħtha qisha kobba . Bdejt ngħajjat u mort għat-tabib li joqgħod faċċata*." [8]

Is-**surġent Grima,** wara li esebixxa kopji ta' l-iskizz redatt minnu dwar dan l-inċident u l-okkorrenza relattiva, spjega kif ma rriżultalu l-ebda *spot of impact* u lanqas *brake marks* imħollija mix-xarabank . L-unika ħaġa li sab fl-art kien il-*frame* tal-*headlamp* tax-xellug tal-vettura .

Kif jammetti l-istess konvenut, huwa ma rax lill-attriċi fit-triq, għax kif dar il-kantuniera sab ix-xemx ma' wiċċu u għamietu . Infatti nduna li kien ġara xi ħaġa għax sema' ħoss mhux tas-soltu u waqaf biex jara . Dan pero' ma jiskolpihx mill-ħtija, għax l-obbligu tiegħu bħala sewwieq ta' vettura, u speċjalment meta kien qed isuq vettura tal-kobor ta' xarabank, kien illi jżomm f'kull mument *a proper look out* ta' dak kollu li kien hemm fit-triq minn fejn kien għaddej . Huma prinċipji stabiliti fil-ġurisprudenza illi kull sewwieq għandu f'kull waqt tas-sewqan tiegħu iżomm dak li jissejjaħ *a proper look out*, senjatament qabel, fil-mument u waqt li jkun qed jagħmel xi manuvra . Hekk ukoll għandu jirregola s-sewqan tiegħu skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom[9] . Ġie ribadit ukoll illi : "*Id-dover tas-sewwieq li jżomm **a proper look out** tfisser li min isuq irid ikun f'kull ħin konxju ta' dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'pożizzjoni li tempestivament jirreaġixxi għal kull eventwalita'*." [10] Fil-każ in eżami l-konvenut jipprova jiskolpixxi ruħu bil-fatt li għamietu x-xemx u għalhekk lill-attriċi ma setgħax jaraha tagħmillu s-sinjal biex jieqaf ħalli tkun tista' tirkeb fuq ix-xarabank tiegħu . Imma jekk ma kienx qed jara x'kien hemm quddiemu kellu jieqaf, jew ta' l-inqas inaqqas kemm jista', iniżżel is-*sun shield* ta' fuq il-*windscreen* u jagħmel kull mezz biex jassikura ruħu li ma jibqgħax għaddej qabel ma jkollu viżwali tajba tat-triq . Jekk xejn iżjed bżala sewwieq regolari ta' karozza tal-linja fuq dik ir-

[8] ibid. a fol. 68 .
[9] Prim'Awla : Stefan Bonello vs Carmelo Abela : 21.10.2002; Richard Fenech vs Rook Construction Ltd. : 3.10.2003; Hoti Lal vs Jospeh Dingli : 1.4.2003 ; Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joe Camenzuili : 26.4.2001 u Untours Insurance Agents Ltd. vs Etienne Saliba: 29.1.2004 .
[10] Appell : George Scicluna vs Victor Cini .

rotta, kien messu jaf illi dak il-ħin tal-ġurnata jkun hemm ix-xemx tiela min-naħa tal-lvant, u għalhekk kellu jaħseb ukoll għal nuċċali tax-xemx tajjeb .

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi ħtija kontributorja da parti ta' l-attriċi stess . L-obbligi tal-*pedestrian* f'ċirkostanzi pjuttost simili, ġew spjegati sewwa fil-ġurisprudenza bil-mod segwenti :

"*Il-pożizzjoni għalhekk tista' tiġi kristalizzżata f'dawn il-kliem tal-istess awtur (Gibb) loc.cit : 'It often happens that the motorist does not see the pedestrian until he is close upon him and there is no time to do anything to avert the collision . In such a case, it is necessary to know whose fault it was that the pedestrian was not observed sooner . It may be the fault of either the pedestrian or the motorist, and the liability will very accordingly . The driver of the car may be negligent because of his failure to see the pedestrian as soon as he should, but on the other hand, the fault is often with the pedestrian, as where he suddenly and unexpectedly darts in front of the car'.*" [11]

L-attriċi ssostni fid-depożizzjoni tagħha illi hija kienet mhux iżjed minn disa' pulzieri/pied 'l barra mill-ħajt dak il-ħin li ntalqtet mix-xarabank . Il-fatt pero' illi l-*frame* tal-*headlamp* tax-xellug tax-xarabank inqala' u spiċċa fl-art, jindika illi kien proprju b'din il-parti tal-vettura li ntlaqtet l-attriċi . Hekk ukoll il-fatt li hija fortunatament ma ġietx mgħaffġa bir-roti tal-vettura u anzi spiċċat taħtha, huwa indikattiv illi l-attriċi kienet ferm iżjed 'l barra mill-ħajt minn kemm qed issostni . Fi triq wiesa bħal ma hija dik fejn seħħ dan l-inċident, u speċjalment f'kantuniera, vettura tal-kobor ta' dik involuta f'dan l-inċident żgur li ma kienitx ser tgħaddi tant xkanata mal-ħajt li ma setgħetx tevita lill-attriċi . Huwa wisq iħjed verosimili li l-attriċi fi sforz biex tagħmel is-sinjal ħalli s-sewwieq tal-*bus* jaraha, ħarġet xi ftit 'l barra iżjed milli kien konsentit, ġiet quddiem il-vettura u nvadiet il-karreġġjata tal-konvenut .

[11] Appell Kriminali : Pulizija vs Wisq Nobli Anthony Cassar Desain : 13.1.1962 . Kollez. vol. XLVI. iv. 765. .

F'tali ċirkostanzi jidher għalhekk opportun illi l-ħtija għal dan l-inċident tiġi akkolta ugwalment lill-kontendenti .

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI .

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili . Madankollu, kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ . Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[12] . Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' ukoll utilment tużgħa bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie[13] .

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*) .

**Damnum Emergens :**

Fl-affidavit tagħha Elizabeth Masini, bint l-attriċi, tispjega fid-dettal l-ispejjez illi ommha kellha tagħmel in konnessjoni mal-feriti li ġarrbet minħabba f'dan l-inċident, u dana f'konsulti ta' tobba, mediċini, terapija, alloġġ fi djar għall-anzjani, modifikazzjonijiet fir-residenza tagħha minħabba li ma setgħetx titla' iżjed taraġ, bdil ta' għamara u xiri ta' ħwejjeġ[14] . Flimkien ma' dan l-affidavit, ix-xhud esebiet rendikont ta' l-ispejjeż kollha illi l-attriċi kellha tagħmel f'dan ir-rigward, liema spejjeż laħħqu s-somma ta' elf erba' mija u ħamsin lira maltija u sittax-il ċenteżmu

[12] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[13] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs . Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .
[14] ara affidavit tagħha a fol. 34 - 37 .

(Lm1450.16)[15] u jinsabu kollha korroborati bl-irċevuti rispetttivi[16] . Dawn il-kontijiet ma ġew ikkontestati bl-ebda mod, jidhru ġustifikati fiċ-ċirkostanzi tal-każ u allura huma ripetibbli .

**Lucrum Cessan**s :

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji . Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom …. . Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*[17] *.* Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża : ***"****Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni . Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[18] *.* Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**" . Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u ziediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex

---

[15] ara rendikont a fol. 38 .
[16] ara riċevuti Dokti. EM 2 sa EM 11 a fol. 39 - 49 .
[17] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .
[18] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[19] .

L-espert mediku Mr. Carmel Apap Bologna stabilixxa r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed issofri minnha l-attriċi bħala waħda ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%)[20] . Meta seħħ dan l-inċident l-attriċi kellha 82 sena, ma kenitx qed taħdem bi qliegħ u kienet qed tgawdi minn pensjoni govenattiva . F'ċirkostanzi simili fejn il-vittma kienet ukoll ta' din l-eta' l-Qorti qalet illi : " … *għal dak li huwa likwidazzjoni ta' danni jingħad fl-ewwel lok li l-vittma … kellu 82 sena u kwindi huwa kien pensjonant fil-mument ta' l-inċident li b'konsegwenza tiegħu huwa tilef ħajtu … illi tibqa' l-kwistjoni tal-multiplier li għandu jiġi wżat stante li l-vittma fil-mument tal-inċident kellu 82 sena … illi għalhekk din il-Qorti tenut kont illi l-bniedem fiż-żminijiet tal-lum qed jgħix iżjed, dovut prinċipalment għall-avvanzi li saru fil-mediċina, tillikwida arbitrio boni viri l-ammont ta' ħamest elef lira Maltin*." [21]

Għalhekk bħal ma rajna f'din is-sentenza, f'każ ta' persuna anzjana bħal ma kienet il-vittma, il-*lucrum cessans* ma jistgħax jiġi kkalkolat a bażi tal-formula stabilita fil-ġurisprudenza lokali, billi din ma tista' tkun tilfet ebda qliegħ futur dovut minn xi impieg minħabba kwalukwe debilita' permanenti li tista' ssofri . Huwa għalhekk illi f'każ bħal dan tiġi ifissata somma li tiġi likwidata mill-Qorti *arbitrio boni viri* tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ . Meħud in konsiderazzjoni l-grad ta' debilita' pjuttost elevata li qed issofri l-attriċi, id-dependibilita' tagħha fuq bintha għal ħafna mill-bżonnijiet tagħha u ż-żmien li ħadet il-kawża biex inqatgħet, jidher illi somma ta' sebat'elef lira maltija (Lm7000) għandha tkun waħda adegwata għal dan il-fini .

RI-EPILOGU .

[19] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .
[20] ara rapport a fol. 18 .
[21] Prim'Awla : Carmela Attard et vs Stephen Micallef : 29.5.2002 .

Billi l-attriċi ġiet misjuba ugwalment responsabbli mal-konvenut għal dan l-inċident, l-ammonti stabilit iridu jiġu dimezzati .

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attriċi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : 1/2 ta' Lm1450.16 = Lm 725.08 +
2. Lucrum Cessans : 1/2 ta' Lm7000 = Lm 3500.

- Total ta' : Lm 4225.08

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

1. tiddikjara lill-kontendenti ugwalment responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' tmint'elef erba' mija u ħamsin lira maltija (Lm8450) ; u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi nofs dan l-ammont u ċioe' erbat'elef mitejn u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm4225) .

Bl-ispejjeż jinqasmu wkoll ugwalment bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------